**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 05/07**

It-Tlieta 23 ta' Lulju 2013 fil-4.00pm

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *SKUŻATA* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINCIPAL* | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji: Skeda ta' Pagamenti
4. Approvazzjoni tal-Budget 2013
5. Skemi tal-Proġetti tal-EU
6. Laqgħa tal-Lokalita`
7. Rapport mil-Kunsillieri
8. Ħwejjeġ Oħra
9. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa 04/07 tad-19 ta' Ġunju 2013 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-artiġġanat relatat mal-proġett, huwa talab lill-Kunsill Lokali ta' B'Bugia, peress li għadhom kemm tellgħu Festa Artiġġjanat, biex jgħaddulu lista tal-parteċipanti. Is-Sindku qal ukoll li għandu l-ħsieb li sabiex jippromwovi l-area ta' Sta Marija, norganizzaw Festa Artiġġjanat Malti. Id-data għad trid tiġi deċiża aktar il-quddiem. ERDF- Festa Artiġġanat Malti

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta tas-Sindku.

i.i Is-Sindku ssuġġerixxa li fil-parti tal-proġett ta' Pjazza Sta Tereża ssir espressjoni ta' nteress sabiex jopera din l-information kiosk. Għandhom jingħataw struzzjonijiet speċifiċi lil min jintgħażel sabiex l-għan ewlieni jkun li tinżamm bħala information kiosk. Espressjoni ta' Interess

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

i.ii Il-Viċi Sindku fakkar lill-Kunsill li f'din l-istess parti tal-proġett suppost iridu jsiru 4 bollards sabiex ma jitilawx jipparkjaw karozzi fil-pjazzetta. Bollards fil-pjazzetta

i.ii.i Is-Sindku ssuġġerixxa li minflok 2 u 2 issir waħda naħa u oħra naħ'oħra.

Il-Kunsill qabel.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għax-xogħol ta' tisbiħ li sar bejn il-Blokki ta' Luqa Road, l-Housing Authority s'issa baqgħet ma pproċessatx l-pagament. Is-Seg. Eżek. kkonferma dan u qal li għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mad-Direttur imma tinsab imsiefra. Proġett-Tisbiħ Luqa Road

ii.i Il-Viċi Sindku qal li għandna niktbu u naraw li jitħaffef il-proċess u ninsistu li l-pagament isir.

Il-Viċi Sindku qal li peress li hu issa qiegħed Direttur fuq il-Bord tal-UIF Funds, fl-laqgħa oħra li jmiss ser jippreżenta rendikont tal-Kunsill f'dan ir-rigward. UIF Funds

ii.ii Dwar biċċa art l-oħra in konnessjoni ma' dan il-proġett maħsuba li ssir parkeġġ, is-Sindku qal li naraw kif nistgħu niżviluppawh mal-privat bħala skema tal-PPP. Parkeġġ propost Luqa Road

Il-Kunsill qabel unanimament.

ii.iii Is-Sindku qal li dwar l-ittra li rċevejna mingħand is-Sur Vincent Schembri rigward biċċa art fi Triq Ħal Luqa fejn sar il-proġett ta' ameljorament bejn il-blokki, l-Avukat tal-Kunsill tana parir sabiex niktbu lid-Direttur tal-Artijiet. Is-Seg. Eżek ser jieħu ħsieb jikteb. Vince Schembri

iii Dwar ir-Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl, is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol tlesta u ser isir il-kxif il-Ħamis 25/07/13 waqt Ċerimonja żgħira. Il-Kunsillier F. Agius ppreżenta l-programm għal din l-okkażjoni. Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl u Tal-Kunċizzjoni

Is-Sindku kompla jgħid li peress li l-allokazzjoni għar-restawr ta' din in-niċċa ma ntużax kollu, is-Seg. Eżek. talab lid-Dipt Gvern Lokali sabiex jikkunsidra li l-bilanċ li fadal jintuża għal-restawr ta' niċċa oħra. Id-Dipt. Gvern Lokali aċċetta u għalhekk tkellimna mal-kuntrattur u aċċetta li bl-istess prezz jsir restawr ukoll fuq in-Niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm fi Triq Xintill ma Sqaq Xintill Nru 2.

iv Is-Sindku qal li x-xogħol fil-komun tal-Blokki tal-Flats ta' Blokk 4 Luqa Road issa huwa lest. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill kellu jnaddaf wara l-kuntrattur peress li warajh ħalla xi materjal u skart ieħor. **Xogħol fil-komun tal-Blokki**

Huwa kompla jgħid li x-xogħol fil-Blokk ta' Triq B'bugia issa huwa kważi lest filwaqt li nbeda x-xogħol tal-blokk fi Triq Gananton Tanti.

v Rigward il-PPP, is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Dipt. Gvern Lokali għadda pagament lil-Kunsill ta' madwar €44,000. Il-Kunsill ħallas l-ammont ta' €45,839.47 lill-Kuntrattur Vella Group. **PPP u Resurfacing**

Il-Viċi Sindku rrimarka li l-pubbliku in ġenerali qiegħed jingħata l-impressjoni li l-Kunsill preċedenti ħalla d-dejn u għalhekk ma jistgħux jitkomplew t-toroq. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill preċedenti qatt ma ħalla dejn imma tajjeb li l-pubbliku jkun mgħarraf li dan il-kuntratt huwa commitment ta' 8 snin u f'dan il-perjodu x-xogħol jista' jibqa' jsir.

Il-Viċi Sindku talab lis-Seg. Eżek. sabiex f'laqgħa li jmiss jippreżenta lill-Kunsill rendikont dettaljat tal-ispejjeż u pagamenti li saru kemm fir-rigward tal-PPP kif ukoll tar-resurfacing.

Is-Seg Eżek ser jipprepara dan u tiġi ppreżentata f'laqgħa oħra li jmiss.

v.i Is-Sindku qal li mill-fondi tal-Kunsill sa l-aħħar tas-sena ma nistgħux nkomplu bix-xogħol, għalhekk qed jissuġġerixxi li jsir major patching fi Triq il-Fieres u Triq is-Sorijiet. Ser nitolbu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel inspection u joħroġ stima għal dan il-major patching. **Stima Major Patching**

Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

vi Rigward il-PV System, is-Seg. Eżek qal li l-Kuntrattur bgħatilna l-applikazzjoni għall-meter sabiex jimtlew skond il-bżonn. **PV System**

vii Rigward l-ground 5a-side s-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill intalab jagħmel rapport fuq il-Grawnd. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk jsadanittant ix-xibka li hemm mdendla u mqatta' kollha tistax tinqala'. **5aside grawnd**

Il-Kunsill qabel u ssuġġerixxa li qabel ma tinqala' nieħdu xi ritratti tagħha hekk kif inhi ħabba l-insurance.

viii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita' li ser itella' l-Kappillan fil-grawnd ser tkun bejn id-9 u 10 t'Awwissu 2013 **Lejla Tarxiniza (Kappillan)**

viii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar ir-razzett li hemm fi Triq San Tumas, l-avukat fformolalna ittra li ser tintbgħat lir-residenti tal-akkwata kif ukoll li l-Kunsill b'solidarjeta ma' dawn ir-residenti ser ikun preżenti għad-dehra li jmiss fil-Qorti nhar l-24 ta' Novembru 2013. Flimkien mas-Sindku ser jattendu s-Seg. Eżek. kif ukoll l-Avukat tal-Kunsill. **Razzett fl-akkwati ta' Triq San Tumas**

ix Rigward l-Ingaġġ ta' skrivana, s-Seg. Eżek. nforma lill-Kunsill li ntbgħatu l-applikazzjonijiet relatati lill-ETC ta' tmiem ta' impjieg bħala part-timer u bidu ta' mpjieg bħala full timer u effettivament mill-1 ta' Lulju 2013 is-Sinj. Isabella Formosa bdiet bħala full timer. **Ingagg ta' skrivana fuq bazi full time**

x Rigward Jum Ħal Tarxien, is-Sindku qal li mar tajjeb u għaż-żjarat fit-tempji kien hemm konkorrenza tajba ħafna. Is-Sindku kompla jgħid li għandu l-ħsieb li aktar il-quddiem tittellgħa attivita "Temples By Candle Lights". **JĦT 2013**

xi Rigward il-korsijiet tal-IKIDS s-Sur F. Agius qal li dawn issa bdew, l-air conditions twaħħlu hekk kif miftiehem ma' TCTC. **IKIDS Kors**

xi.i Rigward l-armar ta' dawl fil-ġonna, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ktibna lid-Dipt Gvern Lokali u dan bgħatilna lura li sabiex ma jkunx hemm konflitt ta' interess, l-aħjar li l-persuna nvoluta b'xi mod toħroġ mill-kamra waqt li l-Kunsill jiddiskuti l-materja relatata.

xii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna email mingħand is-Sinj. Josette Darmenia bis-suġġett "Plea for Actavis Lifecycle Sponsorship" fejn dawn mingħand kull Kunsill Lokali qed jitolbu donazzjoni ta' €100. Is-Sindku qal li f'dan ir-rigward, is-Seg. Eżek. talab parir lid-Dipt Gvern Lokali. Donazzjoni "Actavis Lifecycle"

xiii Is-Seg. Eżek. nforma lill-Kunsill li rċevejna korrispondenza mingħand is-Segretarja tal-Perit Mintoff dwar il-permess tal-proġett għall-parking f'Luqa Rd fejn din qed tinfurmana li l-Kunsill għandu ċans iħallas lill-MEPA l-ammont li ġie rivedut sa' mhux aktar tard mis-16 ta' Awwissu 2013. Il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ammont ta' €2699.82 għal dan il-permess li jibqa' validu sa' tnax-il sena. Permess MEPA

## 3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kont tal-fuel qed jitla' ħafna. Is-Sindku qal li qed nużaw van ieħor li huwa tal-Għaqda li qed isuqu hu sabiex ix-xogħol jinqasam u b'hekk jitħaffef iktar. Il-Viċi Sindku qal li skond il-Proċeduri tal-Kunsilli Lokali dan ma jistax isir. Użu ta' Van ieħor

Ġiet ippreżentata il-fattura tal-fuel sabiex il-Kunsill jivverifika d-dettalji skond kif iffirmati. Is-somma hija dik ta' €60.00.

Il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. sabiex jintalab il-parir tad-Dipt. Gvern Lokali fuq dan il-każ.

Is-Seg. Eżek. ser jikteb lid-Dipt Gvern Lokali.

Il-Viċi Sindku l-Kav. P. Farrugia ppropona u s-Sur L. Bonavia ssekonda li jekk id-Dipt. Gvern Lokali jagħtina ruling pożittiv allura nipproċedu bl-użu tat-tieni van ukoll.

Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

## 4 Approvazzjoni tal-Budget 2013

Is-Seg. Eżek. spjega l-Budget kif ppreparat.

Il-Viċi Sindku ppropona u s-Sur L. Bonavia ssekonda sabiex dan ir-Rapport jiġi aċċettat kif pprezentat. Il-Kunsill qabel unanimament. Ir-Rapport ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Seg. Eżek.

## 5 Skemi tal-Proġetti tal-EU

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa fl-uffiċini tal-MEUSAC. Dawn infurmawna li peress li jeżistu diversi fondi li l-Kunsilli Lokali jistgħu jibbenefikaw minnhom, talbuna sabiex il-Kunsill tagħna jipprepara lista ta' xogħlijiet/ proġetti li nixtieqway li nidħlu għalihom u ngħadduhomlom sabiex jaraw nistgħux napplikaw għal xi fondi mill-EU. Ġie ssuġġerit li jsir:

a) Embellishment tal-Village Core
b) Embellishment tal-Ġonna
c) War Shelter ta' wara l-Knisja (Sqaq Brittaniku Nru 1 u 2)

d) Monitoraġġ tal-ambjent/ Emissjonijiet mit-Traffiku

Ġie deċiż li ngħaddu din il-lista lill-Meusac u nitolbuhom li jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill u jispjegawlna l-fatti aħjar.

## 6 Laqgħa tal-Lokalita'

i. Is-Seg. Eżek. spjega din f'hiex tikkonsisti. Ġie deċiż li l-Kunsillieri f'laqgħa oħra li jmiss għandhom jippreparaw u jissottomettu l-programm tagħhom.

## 7. Rapport tal-Kunsillieri

i. *Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

Is-Sur Agius ppropona li jsir Kors tal-Parċmina. Dan il-kors ser isir mis-Sinj. Joanne Mifsud. Dan il-Kors jikkonsisti f'4 lezzjonijiet darba fil-ġimgħa għal prezz globali ta' €15 kull ras.

Il-Kunsill qabel li jsir dan il-kors.

ii. *Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

ii.i Is-Sur Darmanin qal li l-POOL kemm ta' żgħażagħ bejn is-16 u –l 25 sena kif ukoll għal-leaders li jixtiequ jiehdu sehem fil-youth exchanges issa nfetaħ.

ii.ii L-istudy Visit għall-Portugal tħassret.

ii.iii Is-Sur Darmanin qal li bħalissa għaddejja l-Exchange fl-Ingilterra.

ii.iv Is-Sur Darmanin qal li kellu laqgħa mal-Ispettur Mercieca fejn sar ftehim li ssir laqgħa għar-residenti.

## 8 Ħwejjeġ Oħra

i Is-Sur L. Bonavia ssuġġerixxa li bħala Kunsill nifirħu u nibgħatu lill-Għaqda li kissru r-record tan-nar b'Thomas The Train. Is-Sur K. Darmanin ssekonda.

Il-Kunsill qabel.

ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellna kuntatti ma' TM dwar t-traffiku fl-area ta' Dejma Road. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa mar-residenti biex nispjegawlhom is-sitwazzjoni u nipproponu li naħa waħda ta' triq tiġi no parking temporanjament sakemm it-TM jiżviluppaw l-area ta' Dejma Road kif propost.

Is-Sur L. Bonavia ssekonda.

Il-Kunsill qabel unanimament.

iii Is-Sindku ppropona li jsir Festa Ħelu s-Sibt 14 ta' Settembru 2013. L-organizzazzjoni ta' dan il-Festival ser isir mill-kumpanija ANTertainme. Is-Sindku ppreżenta l-programm propost għal din l-attivita. Il-Kunsill la ser joħroġ fondi u anqas ser idaħħal għal din l-attivita'. Dan għall-fatt li ser jinġiebu sponsors. Mal-Kunsill ser jipprova jinvolvi wkoll lill-Għaqdiet tar-raħal.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-ativita' ssir.

iv Is-Sindku qal li l-Perit Audrey Testa Ferrata De Noto f'isem it-TM pproponiet traffic managment għall-area ta' Triq Dun Ġużepp Calleja. Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa għar-residenti u ninfurmawhom bil-proposta kif ippreparata mit-TM.

Il-Kunsill qabel.

v Is-Sindku qal li ġew xi nies mill-MEPA dwar it-Tarxien Local Plan. Ġie ssuġġerit li nibgħatu dan id-dokument lill-Kunsillieri u sa laqgħa oħra li jmiss kull Kunsillier jagħti l-kummenti tiegħu.

vi Is-Sindku ssuġġerixxa li LOOK STAR DANCERS b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ittellgħa t-Tarxien Dance Festival fil-grawnd tal-Kunsill. L-ispejjeż involuti m'għandhomx jaqbżu it-€300.

Il-Viċi Sindku kkummenta li s-Sindku huwa parti mill-Għaqda tal-Look Star Dancers għall-fatt li dawn jiffurmaw parti mill-Għaqda Kultura u Armar, li s-Sindku huwa l-Kaxxier ta' din l-Għaqda. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Look Star Dancers hija Għaqda Awtonoma u li hu m'għadhux jagħmel parti minnha.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Għeluq tal-Laqgħa**

i Il-laqgħa ntemmet fis-6.00pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 22 t'Awwissu 2013 fl-4.00pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**